# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 51**

**Rikors numru 818/12/1 SM**

**Maria Carmela Xuereb**

**v.**

**Chantel Xuereb Mulvaney u David Xuereb**

1. Din is-sentenza titratta appell tal-konvenuta ('appellanti') minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Frar, 2017, dwar self *brevi manu* li l-attriċi ('appellata') tgħid li tat lill-konvenuti, f'pagamenti varji mis-sena 1998 sa sena u nofs qabel ma fetħet il-kawża. L-appellanti ssostni li s-self sar lil żewġha li hu ħu l-appellata, u qalet li ilha separata

minn miegħu sa mis-sena 2004. Għalhekk issostni li m'għandhiex x' taqsam ma' dak id-dejn.

**Preliminari**

2. B'rikors maħluf ippreżentat fl-14 ta' Awwissu, 2012, l-attriċi talbet lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:

> *"1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti huma debituri tal-attriċi flimkien u in solidum tas-somma ta' Euros 41,281.47 u/jew somma oħra verjuri, liema sommom li jwasslu għal din iċ-ċifra u/jew għas-somma oħra verjuri, ġiet mislufa lilkom f' ammonti varji u f' dati diversi;*
>
> *2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu din is-somma ta' Euros 41,281.47 u/jew dik is-somma verjuri, fejn jiddekorru imgħaxijiet legali skont il-liġi fuq is-somma hekk dikjarata bħala dovuta għall-istess attriċi mid-data tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Lulju 2012 sal-pagament effettiv."*

3. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fl-10 ta' Diċembru, 2012[1], il-konvenuta Chantel Xuereb Mulvaney wieġbet:

> *"1. Illi preliminarjament l-esponenti ilha separata minn ma' żewġha David Xuereb mis-sena 2009 u illum, għat-tieni darba, tinsab għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u dan għaliex kienu diġa' sseparaw fis-sena 2004, u għalhekk kwalunkwe dejn illi seta' kkuntratta żewġha mal-attriċi oħtu, in kwantu att ta' amministrazzjoni straordinarju, kien jeħtieġ il-kunsens tagħha, li qatt ma ntalbet. Għal kuntrarju kollox sar bil-ħabi tagħha, jekk mhux ukoll bil-qerq, u għaldaqstant l-eċċipjenti ma għandiex tagħmel tajjeb għalih hi.*
>
> *2. Illi, bla preġudizzju għall-premess, l-ammont pretiż huwa preskritt a norma ta' l-artikolu 2156(e) u (f) tal-Kodiċi Ċivili.*
>
> *3. Illi, wkoll, l-ammont pretiż huwa altament esaġerat, kif għandu jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża."*

[1] Fol. 151

4. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fid-19 ta' April, 2013, il-konvenut David Xuereb wieġeb:

> *"Illi huwa minnu li l-eċċipjenti u martu Chantel Xuereb Mulvaney – illum f' kawża ta' separazzjoni personali – isselfu xi ammonti ta' flus mingħand l-attriċi fl-interess tagħhom it-tnejn iżda b'dankollu jeħtieġ issir verifika dwar l-ammonti mislufa."*

5. B'sentenza mogħtija fil-15 ta' Frar, 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża kif ġej:

> *"44.1. Tiddikjara li l-intimati Chantel Xuereb Mulvaney u David Xuereb huma debituri in solidum fil-konfront tar-rikorrenti;*
>
> *44.2. Tillikwida l-ammont li l-istess intimati fuq indikati ghandhom jaghtu ghalhekk lir-rikorrenti Maria Carmela Xuereb minnha lilhom misluf hu ta' hamest elef, disa' mija u sittax- il euro u sittin centezmu, (€5,916.60);*
>
> *44.3. Tikkundanna lill-intimati fuq indikati biex ihallsu s-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti lill-imsemmija rikorrenti;*
>
> *44.4. Bl-ispejjez kif elenkati fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet fuq l-ammont hekk likwidat mis-16 ta' Lulju, 2012, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati."*

6. Il-konvenuta Chantel Xuereb Mulvaney appellat mis-sentenza surriferita u talbet lil din il-Qorti:

> *"1. Tilqa l-umli appell tal-esponenti;*
>
> *2. Tikkonferma parti tas-sentenza fejn ġie deċiż li l-irċevuti u dokumenti oħrajn ma jagħtux prova li pagament ġie attwalment affetwat mir-rikorrenti u/jew li pagamenti jew self ma jirriżultax li saru;*
>
> *3. **Tirrevoka, tħassar u tannulla** s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-15 ta' Frar 2017, billi tiċħad in toto it-talba tar-rikorrenti kontriha.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent u l-konvenut appellati."*

7. L-appellata wieġbet illi l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

8. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> l-appellanti ssostni illi, kuntrarjament għal dak deċiż mill-ewwel Qorti, m'hemmx kunflitt bejn l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni *a tenur* tal-Artikolu 2156(e) u (f) tal-Kodiċi Ċivili, u t-tielet eċċezzjoni li l-ammont pretiż hu esaġerat. Tiċħad li b'din l-aħħar eċċezzjoni ammettiet parti mill-kreditu li tippretendi l-attriċi, u ssostni li ma rrinunzjatx għall-preskrizzjoni.

9. Il-parti rilevanti tas-sentenza appellata hija s-segwenti:

> *"22.0. Illi rigward it-tieni (2) u tat-tieled (3) eccezzjonijiet sollevati mill-intimata ...*
>
> *23.0. Illi ghandu jkun pacifiku li dawn iz-zewg eccezzjonijiet hekk sollevati huma fil-fatt kontradittorji ghal xulxin u dan ghaliex:*
>
> *23.1. Fl-eccezzjoni meta l-intimata qed teccepixxi l-preskrizzjoni, allura qeghda tichad li ghandha taghti l-ammont indikat fir-rikors guramentat promotur;*
>
> *23.2. Fl-eccezzjoni l-ohra fejn issosstni li m'ghandiex taghti l-ammont li r-rikorrenti qed tippretendi minnha, allura qeghda issosstni li effettivament ghandha twiegeb ghat-talba tar-rikorrenti – ghalkemm mhux fl-ammont minnha pretiz;*
>
> *24. Illi ghalhekk issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Consiglio Livori vs. Jacksons Company Limited, datata s-27 ta' Mejju, 2015, fejn gie ritenut is-segwenti:*
>
>> *"L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepita hija inkompatibbli mas-sistema ta' difiza (fit-tielet eccezzjoni fuq elenkata) adottata mis-socjeta` konvenuta li l-ammont huwa ezagerat. Li kieku s-socjeta` konvenuta*

> *appellanti waqqfet wara t-tieni eccezzjoni, (u cioe` li l-ammont huwa preskritt u li hija mhix id-debitrici), ma kien ikun hemm ebda inkompatibilita` bejn l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti. Mandanakollu, is-socjeta` appellanti ghazlet li tressaq bhala difiza taghha l-eccezzjoni dwar l-ammont reklamat bhala wiehed esagerat. Dawn iz-zewg eccezzjonijiet flimkien huma inkonciljabbli u inkompatibbli. Huwa minnu dak li tghid is-socjeta` appellanti illi hija tadotta wkoll il-linja tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu, pero` hija eccepiet ukoll li l-ammont huwa esagerat, liema eccezzjoni timporta rikonjizzjoni u l-ammissjoni tad-dejn filwaqt li tikkontesta l-quantum tal-istess dejn. Bir-rikonjizzjoni tad-dejn, is-socjeta` konvenuta appellanti interrompiet kif ukoll tacitament irrinunzjat ghall-preskrizzjoni li qed tiddekorri";*
>
> *25. Illi konsegwenza tal-istess allura jinghad li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi ineffikaci inkwantu li inkompatibbli mat-tielet eccezzjoni illi l-ammont hu wiehed esagerat".*

10. Kif tajjeb ingħad fis-sentenza **Consiglio Livori v. Jacksons Company Limited** li ssemmiet mill-ewwel Qorti, l-insenjament ġuridiku tramandat minn ġurisprudenza kopjuża huwa illi l-eċċezzjoni li ammont huwa esaġerat huwa inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *stante* li eċċezzjoni bħal dik hija ammissjoni tal-kreditu.[2]

11. L-appellanti argumentat li l-pożizzjoni tagħha hi differenti. Tisħaq li dejjem ħadet il-pożizzjoni li jekk hemm dejn, m'għandhiex tagħmel tajjeb għalih. F'dan il-kuntest għamlet referenza għall-ġurisprudenza li qalet li m'hemmx inkompatibilita' bejn difiża li mhijiex debitriċi u min-naħa l-oħra eċċezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva.

[2] Ara ukoll is-sentenzi deċiżi minn din il-Qorti deversament presjeduta fl-ismijiet *Peter Paul Muscat et v. Peter Muscat Scerri* fis-26 ta' Ġunju, 2009 u *Vella A & CE Guido J. v. Cefai Dr. Emanuel* fil-5 ta' Ottubru, 2001

12. Huwa minnu li ġuridikament m'hemmx inkompatibilita` bejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjoni taċ-ċaħda assoluta tad-dejn. Madanakollu, tali xenarju ma jirriflettix il-pożizzjoni li fattwalment assumiet l-appellanti f'din il-kawża.

13. L-att promutur jirreferi għal self, f'pagamenti varji, li jmur lura għas-sena 1998 u baqa' jsir tul il-ħajja miżżewġa bejn il-partijiet.

14. L-appellanti ammettiet *in parte* l-kreditu li tippretendi l-appellata. Fl-affidavit[3] tikkonferma li fiż-żwieġ isselfu Lm2,000 mingħand l-appellata u qatt ma ħallsuha lura. Qalet li m'għandhiex tkun hi li tħallas dak id-dejn għaliex qabel l-appellata fetħet il-kawża ma talbithiex il-ħlas.[4] Fl-affidavit ikkonfermat li s-self ingħata fl-2002 biex iħallsu l-ispejjeż tal-*catering* tat-tieġ tagħhom. Meta xehdet fit-13 ta' Novembru, 2014[5], ikkonfermat illi skont skrittura privata li saret bejnha u bejn żewġha fit-23 ta' Mejju, 2009,[6] hi debitriċi tal-appellata fl-ammont ta' €5,916.60. L-istess somma li llikwidat l-ewwel Qorti.

15. Għalkemm l-appellanti qalet li l-iskrittura saret biex tipprova tirranġa bonarjament mal-konvenut fil-kuntest tas-separazzjoni bejniethom, ikkonfermat li ffirmat *'bil-volonta libera'* u:

---

[3] Fol. 285
[4] Fol. 285
[5] Fol. 264
[6] Fol. 268

> *"l-uniku ammont li jiena aċċettajt li nagħti kien ta' żmien meta jiena u David iżżewwiġna. Mingħalija kienu jammontaw għal madwar elfejn u xi ħaġa liri Maltin. Il-bqija jiena m'għandi nagħtihom xejn.*"

16. Altru għalhekk milli l-appellanti ċaħdet il-pretensjoni tal-appellata fit-totalita` tagħha. Dan apparti li b'dak li ddikjarat fl-iskrittura li ffirmat ma' żewġha fit-23 ta' Mejju, 2009, hu fih innifsu rikonoxximent tal-kreditu favur l-appellata, li fetħet il-kawża fl-14 ta' Awwissu, 2012.

17. Min mill-konvenuti għandu jħallas dak id-dejn skont dak li ftehmu bejniethom, hu rrilevanti għall-appellata għaliex ma kinitx parti għal dak il-ftehim.

18. Għalhekk tiċħad l-ewwel aggravju.

19. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti tilmenta illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament nieqes jew żbaljat tal-provi għaliex ma kkunsidratx il-kollużjoni li tirriżulta bejn l-appellata, ħuha l-konvenut u membri oħra tal-familja tagħhom u lanqas ma kkummentat fuq il-kredibilita` ta' dawn ix-xhieda.

20. Mill-atti jirriżulta li tul ħajjitha l-appellata kienet taħdem ġo fabbrika. Billi hija xebba u ma tantx taf taqra, tletin sena qabel infetħu l-proċeduri kienet tat prokura lil ommha sabiex tkun tista' tamministra flusha. Din tal-

aħħar tgħid[7] li, bil-kunsens ta' bintha l-appellata kienet silfet ammonti ta' flus lil uliedha, fosthom il-konvenut għat-tieġ, bl-intendiment ċar li jitħallsu lura.

21. Verament li l-appellata xehdet li hija għandha relazzjoni tajba ma' ħuha l-konvenut, u li fetħet din il-kawża għaliex martu hija barranija. Dan fil-kuntest tal-fatt li l-konvenuti għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni. L-appellata tgħid addirittura li kien ħuha stess li qabbadha mal-avukat u, peress li hija ma tifhimx, għaddielu d-dokumenti kollha hu. Iżda dan waħdu ma jfissirx li l-azzjoni appellata hija neċessarjament infondata jew addirittura fittizja.

22. Fil-meritu, l-ewwel Qorti għamlet *inter alia* l-konsiderazzjonijiet segwenti:

> *"32. Illi nonostante s-suespost jigi wkoll sottolineat li s-self effettwat mir-rikorrenti lill-intimati jirrizulta li gie debitament rikonoxxut mill-istess intimati fl-iskrittura privata datata t-23 ta' Mejju, 2009, (ara foll 268);*
>
> *33. Illi ghalkemm din l-iskrittura hi dikjarazzjoni unilaterali tal-intimati li permezz taghha jiddikjaraw li l-intimata Chantel Xuereb Mulvaney ghandha taghti lil Carmen Xuereb, (ir-rikorrenti), l-ammont ta' €5,916.60, (ara foll 268), ghas-self maghmul mir-rikorrenti;*
>
> *34. Illi min-naha taghha r-rikorrenti tallega li ghandhu tiehu mill-intimati ammont ferm akbar minn dak indikat fil-paragrafu precedenti, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel);*
>
> *35. Illi ovvjament hawn japplika l-principju li minn jallega jrid jipprova;*
>
> *36. Illi in effetti, ghalkemm jirrizulta l-ezistenza tas-self rikjamat mir-rikorrenti stante li gie espressament rikonoxxut fl-iskrittura privata ta'*

[7] Fol. 200

*bejn l-intimati datata t-23 ta' Mejju, 2009, (ara foll 268), pero` l-ammont ta' €41, 281.47 rikjamat mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha, (ara foll 1), ma' jirrizultax mill-atti riprodotti;*

*37. Illi ghall-kuntrarju jirrizulta li r-rikorrenti hi dovuta ammont ferm anqas, (ara paragrafu numru tlieta u tletin, (33.), aktar qabel);*

*38.0. Illi minn verifika metikoluza tal-ammont rikjamat mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:*

*38.1. **Il-Hlasijiet rigwardanti t-Tieg tal-Intimat**i:*

*38.1.1. Dan il-pagament ma jirrizultax li kien gie attwalment effettwat mir-rikorrenti;*

*38.2. **Il-Hlasijiet rigwardanti l-Vettura in dizamina**:*

*38.2.1. Il-pagamenti rikjamati mir-rikorrenti ma jirrizultawx li saru;*

*38.3. **Il-Hlasijiet rigwardanti Affarijiet Ohra**:*

*38.3.1. Ma jirrizultax ipprovat li r-rikorrenti halset ghall-fattura fl-ammont ta' Lm470.00, (ara foll 5);*

*38.3.2. Illi rigward il-fattura tas-socjeta` Framegrip Industries Limited rigwardanti l-ammont ta' Lm288.00, jinghad ukoll li ma jirrizultax li sar xi hlas fir-rigward, (ara foll 6), stante li l-istess dokument in atti hu biss "fattura" u mhux ircevuta ta' pagament;*

*38.3.3. Illi l-istess indikat fil-paragrafu precedenti jista' jinghad fir-rigward tal-fattura rilaxxata mis-socjeta` Agius Marble Works Limited, rigwardanti l-ammont ta' Lm430.00, hemm indikat (ara foll 9);*

*38.3.4. Illi rigward id-dokument a foll 19 rigwardanti s-socjeta` Titan International Limited, jinghad li l-pagament hemm indikat ma sarx mir-rikorrenti ghan-nom tal-intimati kif minnha rikjamat;*

*38.3.5. Illi rigward il-pagament ta' €1,650.00 effettwat mir-rikorrenti lis-socjeta` Chris Falzon Blasting Services, jinghad li jirrizulta assodat li din tammonta ghall-ircevuta rilaxxata f'isem ir-rikorrenti datata t-2 t'April, 2009, u tikkostitwixxi prova li l-istess ammont thallas mir-rikorrenti f'isem l-intimati;*

*38.3.6. Illi rigward il-pagament effettwat lil Calleja Woodworks permezz ta' bankdraft tal-Bank of Valletta ammontanti ghal – Lm1,400.00, u datat il-5 ta' Jannar, 2001, jinghad li dan inhareg fuq il-genituri tar-rikorrenti kif ikkonfermat ukoll sussegwentement mix-xhieda ta' David Calleja ta' Calleja Woodworks, (ara foll 189);*

*38.3.7. Illi l-istess hi fortifikata mill-fatt li fid-dikjarazzjoni guramentata taghha datata l-20 ta' Frar, 2014, (ara foll 200), l-istess omm ir-rikorrenti tafferma li kienet munita bid-debita prokura rilaxxata minn bintha r-rikorrenti biex tkun tista' teffettwa tali pagamenti f'isimha;*

*38.3.8. Illi konsegwentement dan l-ammont ta' Lm1,400.00, ekwivalenti ghal €3,262.00, hu wkoll dovut mill-intimati lir-rikorrenti;*

*38.3.9. Illi ghalhekk in vista tal-pagamenti effettwati lil Chris Falzon Blasting Services, (ara paragrafu numru tmienja u tletin punt tlieta punt hamsa, (38.3.5.), aktar qabel ammontanti ghal - €1,650.00), u lil Calleja Woodworks, (ara paragrafu numru tmienja u tletin punt tlieta punt sitta, (38.3.6.), aktar qabel, ammontanti ghal - €3,262.00), l-ammont komplessiv li jirrizulta pprovat mir-rikorrenti bhala l-ammont li l-intimati ghandhom jirrifondu lir-rikorrenti jammonta ghal €4,912.00;*

*40. Illi fid-dawl tal-analisi fuq elenkat jirrizulta li mis-somma ta' €41,281.47 rikjamata mir-rikorrenti l-istess jirrizulta li pprovat biss li hi effettivament ghamlet pagament komplessivament ammontanti ghal €4,912.00, (ara paragrafu numru tmienja u tletin punt tlieta punt disgha, (38.3.9.), aktar qabel);*

*41. Illi pero`, nonostante dak indikat fil-paragrafu precedenti, l-iskrittura fuq riferita datata t-23 ta' Mejju, 2009, (ara foll 268), l-intimati kkristallizzaw il-posizzjoni taghhom fir-rigward tal-ammont li fih hemm iddikjaraw li ghandhom jaghtu lir-rikorrenti ghas-self lilhom minnha koncess;*

*42. Illi l-ammont hemm hekk minnhom kristallizzat jammonta minflok ghal €5,916.60, (ara foll 268);*

*43. Illi ghalhekk, nonostante ir-rizultanzi in atti, (ara paragrafu numru erbghin, (40), hu l-ammont kif specifikament likwidat mill-intimati fl-iskrittura de quo li ghandu jigi dikjarat ghalhekk li ghandu minnhom, jigi rifuz lir-rikorrenti, (ara foll 268);*"

23. Il-Qorti ma taqbilx għal kollox ma' dan ir-raġunament. Dwar l-ispejjeż għat-tieġ, kienet l-appellanti stess li xehdet li l-appellata selfithom il-flus għall-ħlas ta' *caterers*, liema self qatt ma tħallas lura:

*"Fl-2002, meta jien u David konna għadna miżżewġin, aħna konna ħadna loan fl-ammont ta' madwar elfejn liri Maltin (Lm2,000) minn għand is-sinjura Maria Carmela Xuereb, li tiġi oħt David Xuereb, sabiex inkunu nistgħu nħallsu l-catering, u dak iż-żmien konna qbilna*

> *ma' oħtu illi jien u David inħallsuha fix-xahar b' mod regolari mill-pagi tagħna; madanakollu dawk il-pagamenti qatt ma saru."*[8]

24. L-irċevuti relattivi jinsabu a fol. 39 *et seq* tal-proċess u fil-fatt jammontaw għal Lm1,999 ekwivalenti għal €4,656.42. Dejn allura li fuq ammissjoni tal-appellanti stess jirriżulta ppruvat.

25. Apparti dik is-somma, il-pretensjoni appellata tirreferi *inter alia* għal irċevuta maħruġa f'isimha għal xogħol ta' *blasting* li sar fil-poġġaman tat-taraġ tad-dar tal-konvenuti fis-somma ta' €1,650.00.[9] Għalkemm l-appellanti tikkontendi li l-*invoice* setgħet ġiet manipulata, din baqgħet biss allegazzjoni. Lanqas ma hemm prova li dak id-dejn speċifiku sar mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha. Wara kollox dak kien xogħol li sar fir-residenza tal-konvenuti u għalhekk l-appellanti ma setgħetx ma kinitx taf dwaru. Lanqas ma tiċħad li dak ix-xogħol effettivament sar.

26. Flimkien dawn id-djun jammontaw għal somma iktar minn dik likwidata mill-ewwel Qorti (€5,916.60). Appell mill-appellata ma sarx. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk lanqas hemm lok li din il-Qorti tinoltra ruħha dwar il-fatturi /irċevuti l-oħra.

27. Għaldaqstant, tiċħad ukoll it-tieni aggravju.

---

[8] Affidavit a fol. 285

[9] Fol. 7

28. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti tilmenta dwar l-importanza li l-ewwel Qorti tat lill-iskrittura privata li saret bejn il-konvenuti fit-23 ta' Mejju, 2009. Issostni li l-appellata ma kinitx parti għal dik l-iskrittura u għalhekk ma kellhiex tgawdi minnha. Dan fis-sens li minkejja l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li skont l-irċevuti ppreżentati ġiet ipprovata biss is-somma ta' €4,912, laqgħet it-talba tal-appellata fis-somma ta' €5,916.60 msemmija fl-iskrittura. Tirreferi f'dan il-kuntest għall-Artikolu 1001 tal-Kap. 16 li jipprovdi illi l-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi. Apparti hekk issostni li l-kunsens tagħha fuq dik l-iskrittura kien vizzjat għaliex kienet mheddha minn żewġha l-konvenut li jekk ma tiffirmax kien se joħdilha t-tfal. Tgħid imbagħad li hija ma setgħetx tannulla l-att ta' self iżda a tenur tal-Artikolu 1326 tal-Kap. 16 setgħet biss titlob ir-reintegrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Tgħid imbagħad li lanqas ma titlob reintegrazzjoni għaliex il-ħlas tas-self ma jidhirx li ħareġ mill-komunjoni.

29. Fl-ewwel lok, l-appellanti stess xehdet li l-iskrittura tat-23 ta' Mejju, 2009, saret bil-volonta` libera tagħha[10] u kull argument li l-istess hi milquta b'vizzju tal-kunsens hu fieragħ. F'kull każ, il-Qorti ma tistax tifhem l-argument marbut mal-Artikoli 1326 u 1327 tal-Kap.16. Is-self ma nħoloqx bl-iskrittura tat-23 ta' Mejju, 2009. Dik l-iskrittura sservi biss

[10] Fol. 265

bħala provi li l-konvenuti jafu u jagħrfu li huma debituri tal-appellata għas-somma ta' €5,916.60.

30. Kif diġa' ssemma l-appellanti stess tammetti li hi u żewġha kienu sselfu somma ta' madwar Lm2,000 mingħand l-appellata, b'referenza għall-ispejjeż tat-tieġ tagħhom.

31. Dwar l-irċevuta għal *blasting services* f'isem l-appellata għal xogħol fid-dar f'tas-Sliema li l-konvenuti marru jgħixu fiha meta rrikonċiljaw fl-2009, l-ispejjeż saru fir-residenza tagħhom u x'aktarx li saru bi qbil bejn il-konvenuti. L-appellanti lanqas ċaħdet li saru dawk l-ispejjeż. Dan apparti li l-appellanti stess ikkonfermat li s-somma li tissemma fl-iskrittura ma tħallsitx lura. Skrittura li fiha nnifisha hi prova li l-konvenuti huma debituri tal-appellata għas-somma ta' €5,916. Il-fatt li l-appellata ma kinitx parti għal dik l-iskrittura, ma jbiddel xejn.

32. Fil-kuntest ta' dan kollu, l-argument marbut mal-Artikolu 1001 tal-Kodiċi Ċivili hu wkoll mingħajr bażi.

33. Għaldaqstant tiċħad it-tielet aggravju.

34. Ir-raba' aggravju hu dwar il-kap tal-ispejjeż. L-appellanti tilmenta peress li l-attriċi kienet qiegħda tippretendi somma ferm ikbar minn dik li llikwidat l-ewwel Qorti, l-ispejjeż kellhom jinqasmu b'mod differenti.

35. Dan l-aggravju hu ġustifikat meta tqis li l-ħlas li kienet qiegħda tippretendi l-appellata mingħand il-konvenuti kien €41,281.47 iżda l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-ħlas dovut hu €5,916. Minn dik il-kap tas-sentenza ma sarx appell u għalhekk hi ġudikat. Għalhekk dak il-fatt kellu jiġi rifless ukoll fil-kap tal-ispejjeż. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tiddeċiedi li bejn l-appellata attriċi u l-appellanti konvenuta l-ispejjeż għandhom jinqasmu in kwantu għal ¾ a karigu tal-appellata attriċi u ¼ a karigu tal-appellanti konvenuta. Il-konvenut m'appellax mis-sentenza u għalhekk fil-konfront tiegħu d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti tibqa' li hi.

Għal dawn il-motivi tilqa' biss ir-raba' aggravju u tiċħad il-kumplament tal-aggravji. Tvarja s-sentenza appellata fis-sens li bejn l-appellata attriċi u l-appellanti konvenuta l-ispejjeż għandhom jinqasmu in kwantu għal ¾ a karigu tal-attriċi u ¼ a karigu tal-appellanti.

Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal ¼ a karigu tal-attriċi appellata u ¾ tal-konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da